Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Højesteret (Id-Danimarka) fit-3 ta' Mejju 2010 — Post Danmark A/S vs Konkurrencerådet

(Kawża C-209/10)

(2010/C 179/40)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Højesteret (Id-Danimarka)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Post Danmark A/S.

Konvenuta: Konkurrencerådet.

Intervenjenti: Forbruger Kontakt a-s

Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 82 KE [li sar l-Artikolu 102 TFUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li impriża postali li tinsab f'pożizzjoni dominati u li għandha obbligu ta' distribuzzjoni, tipprattika tnaqqis fil-prezz b'mod selettiv għal livelli li huma inqas mill-ispiża totali medja tagħha, iżda ogħla mill-ispiża inkrementali medja tagħha, jikkostitwixxi abbuż intiż li jelimina kompetitur, anki jekk jiġi stabbilit li l-prezz ma ġiex iffissat fit-tali livell bl-għan li sseħħ it-tali eliminazzjoni?

(2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda hija li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-prattika ta' tnaqqis selettiv tal-prezzijiet tista', eventwalment, tikkostitwixxi abbuż intiż sabiex jeskludi, liema huma l-fatti li l-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-3 ta' Mejju 2010 — Doris Povse vs Mauro Alpago

(Kawża C-211/10)

(2010/C 179/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Doris Povse

Konvenut: Mauro Alpago

Domandi preliminari

(1) Miżura provviżorja li tagħti l-"kustodja parentali", b'mod partikolari d-dritt li tiġi ddeterminata r-residenza, lill-ġenitur li ħataf lil minuri, sakemm tingħata deċiżjoni finali rigward il-kustodja, għandha tiġi kkunsidrata wkoll bħala "sentenza dwar kustodja li ma tikkunsidrax […] t-talba tar-ritorn tal-minuri" fis-sens tal-Artikolu 10(b)(iv) tar-Regolament Nru 2201/2003 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell II bis") ([1])?

(2) Digriet li jordna ritorn jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament Brussell II bis biss meta l-qorti tordna r-ritorn abbażi ta' deċiżjoni ta' kustodja mogħtija minnha stess?

(3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1 jew 2:

3.1. Huwa possibbli li jiġu invokati, fl-Istat ta' eżekuzzjoni, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-oriġini (domanda 1) jew l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament Brussell II bis (domanda 2) kontra l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li fir-rigward tagħha l-qorti tal-oriġini ħarġet ċertifikat skont l-Artikolu 42(2) tar-Regolament Brussell II bis?

3.2. Jew, f'tali ċirkustanzi, il-konvenut għandu jitlob ir-revoka taċ-ċertifikat fl-Istat Membru ta' oriġini abbażi tal-premessa li jista' jkun hemm sospensjoni tal-eżekuzzjoni fl-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm tingħata deċiżjoni tal-Istat tal-oriġini?

(4) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għad-domandi 1 u 2 jew għad-domanda 3.1:

Deċiżjoni li tingħata minn qorti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li tagħti l-kustodja provviżorja lill-ġenitur li ħataf lil minuri u li titqies bħala infurzabbli skont id-dritt ta' dan l-Istat, tipprekludi, skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Brussell bis, l-eżekuzzjoni ta' digriet li jordna r-ritorn mogħti preċedentement fl-Istat ta' oriġini skont l-Artikolu 11(8) tal-imsemmi regolament, anki jekk ma tipprekludix l-eżekuzzjoni ta' digriet li jordna ritorn mogħti mill-Istat ta' eżekuzzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali tal-minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag")?

5) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għad-domanda 4:

5.1. L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li fir-rigward tagħha l-qorti tal-Istat tal-oriġini ħarġet ċertifikat skont l-Artikolu 42(2) tar-Regolament Brussell II bis, tista' tiġi rrifjutata fl-Istat ta' eżekuzzjoni meta tpoġġi f'riskju serju l-aħjar interessi tal-minuri, minħabba li nbidlet is-sitwazzjoni minn meta ngħatat din id-deċiżjoni?

5.2. Jew il-konvenut għandu jinvoka l-bidla tas-sitwazzjoni fl-Istat ta' oriġini abbażi tal-premessa li jista' jkun hemm sospensjoni tal-eżekuzzjoni fl-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm tingħata deċiżjoni tal-Istat tal-oriġini?

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243)

Appell ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2010 minn Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-3 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-321/07 — Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-216/10)

(2010/C 179/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH (rappreżentanti: R. Kunze, G. Würtenberger, avukati)

Appellat: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-3 ta' Marzu 2010, fil-Kawża T-321/07, Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH vs UASI — Applus Servicios Tecnológicos, SL (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-7 ta' Ġunju 2007 li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tiċħad l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja 002 933 356;

— tiffissa seduta wara t-tmiem tal-proċedura bil-miktub;

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tqis li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

— il-Qorti Ġenerali kkonfermat, inġustament, l-evalwazzjoni mwettqa mill-Bord tal-Appell f'dak li jirrigwarda l-kriterju ta' probabbiltà ta' konfużjoni skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-regolament dwar it-trade mark Komunitarja (1) (iktar 'il quddiem ir-"RTK");

— il-Qorti Ġenerali żbaljat billi ma eżaminatx l-oppożizzjoni ppreżentata mill-appellanti fuq il-bażi tal-Artikolu 8(5) tar-RTK;

— il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 75 tar-RTK billi ddeċidiet li l-Bord tal-Appell ma setgħax jeżamina b'mod eżawrjenti l-argumenti l-oħra tal-appellanti, b'mod partikolari dawk dwar il-karattru distintiv tar-reġistrazzjoni preċedenti tat-trade mark "minħabba raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedura";

— is-sentenza appellata tikser l-Artikolu 76 RTK;

— il-Qorti Ġenerali żbaljat billi aċċettat, li l-fatt li l-UASI ma nformax lill-appellanti dwar il-bidla tal-proprjetarju tal-applikazzjonijiet għat-trade mark Komunitarja, u b'hekk ċaħħadha mill-possibbiltà li tikkummenta dwar il-bidla tal-partijiet, ma wassalx għal ksur serju tad-dritt tal-appellanti għal smigħ xieraq;

— il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq kundanna għall-ispejjeż li ma kintx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

(1) Regolament tal Kunsill (KE) Nru 40/94, tal- 20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146.